# L-ARLOĠĠ TAL-KNISJA

Fi żmien il-parrokat Dun Ġwann Gatt, saru diversi opri għall-knisja tagħna. Fost dawn l-opri nsibu arloġġ kbir li nxtara biex jitwaħħal fil-faċċata tal-knisja. Fir-reġistri tal-kontijiet insibu li f'Jannar tas-sena 1774, il-prokuratur Dun Ġamri Vella, ħallas is-somma ta' 16-il skut biex xtara mostra, jiġifieri wiċċ imdaqqas ta' arloġġ, u l-magna tiegħu.

L-arloġġ li għandna fil-faċċata tal-Knisja tagħna, mhux biss juri l-ħin imma wkoll idoqq il-kwarti u s-siegħat.

Sa ftit snin ilu dan l-arloġġ kien idoqq billi jinġibed bħal martell kbir tal-ħadid u jħabbat fuq il-qanpiena. Dan kien juri l-ħin bid-daqq billi kien idoqq il-kwarti fuq qanpiena u s-siegħat fuq oħra.

Fi żmien l-Arċipriet Nikol Vella, kienu inxtraw żewġt iqniepen żgħar għal dan l-arloġġ biex idoqq fuqhom u ma jibqax idoqq fuq il-qniepen tas-sett ħalli ma tiġrilhomx ħsara.

Is-sistema tiegħu biex jaħdem tikkonsisti f'illi ta' kuljum wieħed irid jagħtih il-ħabel, jiġifieri jridu jitellgħu kuljum żewġ mażri kbar, waħda biex idoqqu l-kwarti u l-oħra biex idoqqu s-siegħat u mażra oħra żgħira tal-ħin. Huwa jieħu ħabel għal madwar 3O siegħa.

Illum, lil dan l-arloġġ għamilnielhu tliet muturi, wieħed għall-kwarti, wieħed għas-siegħat u l-ieħor għall-ħin, u jaħdmu bl-elettriku. Huma qegħdin b'sistema li kull mażra minnhom li tinżel sa ċerti livel terġa titla b'mod awtomatiku b'dawn il-muturi.

Ix-xogħol għal din is-sistema l-ġdida sar kollu mis-Sur Ċikku Schembri mill-Fontana.

Fl-antik, dan l-arloġġ kellu wkoll kumunikazzjoni ma' l-arloġġ tan-naħa l-oħra tal-faċċata tal-knisja li juri d-data u l-ġurnata tax-xahar. Iżda minn ħafna snin ilu din il-komunikazzjoni ma' baqgħetx teżisti u għalhekk dan l-arloġġ li juri d-data u l-ġurnata ma' baqax jaħdem.

Bħalissa qed isir xogħol ħalli dan l-arloġġ jerġa jibda jaħdem b'sistema oħra.


*Fotoflora*

**Flower Arrangements**

**&**

**Professional Photos**

**& Videos**

**for every occasion**

*Shopping Arcade,*
*Market Street,*
*Victoria, Gozo.*
*Tel. 560211*
*Res: Tel. 551199.*

*Philomena*

**32, Market Street, St. George's Sqr.,**
**Victoria, Gozo. Tel. 562498**